MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 153/1988/1

Joseph Borg

Vs

Peter Paul Grech kemm f'ismu proprju u kif ukoll bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Anthony sive Antoine Grech u b'nota tat-23 ta' Jannar 2008 Anthony Grech assuma l-atti f'ismu in vista ta' l-eta maggorreni tieghu

Il-Qorti,

**Incident tat-traffiku – Responsabbilta' indiretta ta' missier ghad-danni kagunati minn ibnu minuri (Artikolu 1034 tal-Kodici Civili) – Ir-responsabbilta' tal-missier hi presunzjoni *juris tantum* ? - Debilita' Permanenti.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-25 ta' Novembru 1988 li permezz taghha l-attur ppremetta li fit-18 ta' Ottubru 1988 ghal habta tal-11.30 a.m. waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni N-5818 minn Triq ta' Xhajma, Nadur, Ghawdex kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura ohra tal-marka Mitsubishi bin-numru N-0163 misjuqa mill-konvenut Anthony Grech.

B'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti kemm f'damnum emergens kif ukoll lucrum cessans billi oltre l-hsara fil-vettura tieghu sofra wkoll debilitazzjoni permanenti f'gismu.

Incident li skond l-attur sehh minhabba sewqan bi speed eccessiv, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut Anthony Grech u kif ukoll minhabba htija da parti tal-konvenut Peter Paul Grech.

Ghalhekk l-attur talba li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident tat-traffiku u ghad-danni sofferti mill-attur.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attur l-istess somma.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fis-7 ta' Dicembru 1988 (fol. 11) li biha eccepixxa li:

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni odjerna kif formulata ma hemmx lok ghar-responsabbilta' tal-istess konvenut u ghalhekk ghandu jigi liberat u dana in vista tal-premessi tac-citazzjoni.
2. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi ma tissusisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut biex tiggustifika t-talbiet attrici.
3. Fil-meritu l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident de quo peress li huwa uza dik id-diligenza kollha mehtiega sabiex ma jippermettix lill-istess ibnu jsuq l-istess karrozza izda dan hadha b'ingann.

4. Fil-meritu iben il-konvenut ma jahti xejn ghall-incident oggett tal-kawza.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi r-rapport peritali u d-diversi noti ta' sottomissjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kaz jittratta incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Ottubru 1988 ghal habta tal-11.30 a.m. gewwa Triq ta' Xhajma, Nadur, Ghawdex bejn il-vettura N-5818 misjuqa mill-attur u l-vettura N-0163 misjuqa mill-konvenut Anthony sive Antoine Grech li fiz-zmien ta' l-incident kien ghadu minuri.

2. Fir-rigward ta' responsabbilta' ghall-incident, fin-nota addizzjonali prezentata mill-konvenuti fl-10 ta' Ottubru 2007 gie dikjarat li *"…. Ghal dik li hi responsabbilta' kien li l-konvenut sewwieq, l-eccipjent allura minuri, Anthony kien responsabbli ghall-incident izda missieru l-eccipjent Peter Paul Grech le"*. Hekk ukoll fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2000 gie verbalizzat mid-difensur tal-konvenuti li *"… meta gara l-incident, kien ovvju li l-attur Joseph kien fq is-side tieghu u ma kellux htija u l-htija ta' l-incident ut sic kienet tal-konvenut Antoine Grech li b'vettura on coming ta' dik ta' l-attur kiser ghal go l-passagg ta' dan. Kien ghalhekk li sa mill-bidu l-konvenuti ammettew il-htija ma kienitx ta' l-attur"*. Ghalhekk fir-rigward tal-konvenut Anthony sive Antoine Grech ghandna ammissjoni li kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

Ghal dik li hi responsabbilta' tal-konvenut Peter Paul Grech, l-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"Kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' magguri, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix"*.

L-ewwel perit legali (Dr. Carmelo Galea) irrelata li *"Izda ma ngabet ebda hjiel ta' prova sabiex turi fhiex kienet tikkonsisti din l-allegata htija ta' Peter Paul Grech"* (fol. 63). Rapport li gie prezentat fis-27 ta' Ottubru 1994. Pero mill-atti processwali jirrizulta li fis-7 ta' Settembru 1998 il-konvenut Peter Paul Grech kien gie msejjah in subizzjoni fejn ikkonferma li:

- Fil-hin ta' l-incident kien rieqed id-dar;
- *"Mistoqsi nafx illi kien isuqha it-tifel tieghi din il-karrozza, nghid illi jiena dejjem kont niehu hsieb sabiex ibni ma jsuqx karrozzi. Ma kont naf illi kien qieghed isuq karrozza. Jiena kont inwissih sabiex ma jsuqx karrozzi; bhal ma kont inwissi lil uliedi kollha. Dan ghaliex ma jkollux licenzja sabiex isuq. Sa fejn naf jien ibni qatt ma kien saq karrozza qabel dakinhar"*;
- Il-vettura involuta fl-incident kienet l-ewwel karrozza privata li kellu l-konvenut Peter Paul Grech ghalkemm kellu zewg vannijiet tax-xoghol. Qal ukoll li l-vettura kien xtraha gurnata qabel sehh l-incident u pparkjaha quddiem id-dar; *"Ic-cavetta tal-karrozza kont gbartha u dahhaltha gewwa. It-tifel saq il-karrozza billi dahal fid-dar waqt illi jiena kont rieqed, sab ic-cavetta tal-karrozza imdendla fejn issolitu jiena indendel ic-cwievet u hadha minn hemmhekk"*.
- Qabel dakinhar ibnu qatt ma saq karrozza tax-xoghol;

Imbaghad fil-15 ta' Gunju 1999 saret seduta li fiha xehed il-konvenut Anthony Grech (li twieled fit-13 ta' Gunju 1973 – ara okkorrenza tal-pulizja li nvestiga l-incident) u kkonferma:

- *"Jiena nghid illi qabel il-gurnata tal-incident jiena qatt ma kont missejt karrozza b'idejja sabiex insuqha. Lanqas soqt xi motor cycle qabel dak il-gurnata….. Dakinhar jiena qbadt il-karrozza illi kienet ipparkjata quddiem il-bieb tad-dar ta' missieri fi Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur. Ic-cavetta tal-karrozza kienet wara l-bieb, u qbadt u hadtha, u peress illi kienet ghadha gdida*

*jiena mort nara x'inhi. Missieri ma kienx id-dar, u lanqas ommi. Dik kienet l-ewwel darba illi jiena mort nara karrozza, ghaliex dik il-karrozza kien ghadu kif xtraha missieri"*;

- Minn fejn kien ghadda qabel ma sehh l-incident; *"jiena qabbadt il-karrozza u ghaddejt minn hdejn id-dar ta' Charlie Littlewoods, cjoe' Triq it-Telegrafu. Dakinhar din kienet triq dejqa, u nizla wieqfa illi taghti ghal Triq ir-Rabat u jiena ksirt fuq ix-xellug tieghi"*.
- Mistoqsi biex jispjega kif persuna li qatt ma saqet qabel dakinhar ta' l-incident irnexxielha taghmel dawk il-manuvri kollha sabiex waslet fi Triq tax-Xhajma, *"..jiena inwiegeb illi kieku issuq tifla differenti, izda tifel ghandu aktar xahta. Aktar ghandu kuragg ghall-karrozzi. Tifla mod iehor"*.
- ***"… missieri kien dejjem jghajjat mieghi sabiex ma insuqx, u ma immissx ingenji. Kien jghajjat mieghi ghaliex kien jarani ndur ma huti bil-karrozza taghhom u kien jarani interessat. Kien iwissini ghaliex ta' tifel li tkun, iblah"***.
- Li l-vettura kienet ilha xi jumejn ipparkjata wara l-bieb tad-dar.
- Li qabel l-incident qatt ma kien saq vannijiet ta' missieru.

Mill-atti processwali jirrizulta li x-xhieda tal-konvenut inghatat wara li fl-20 ta' Gunju 1996 il-Qorti tat digriet li bih laqghet it-talba tal-attur (ara rikors a fol. 186) u *"…tawtorizza lill-attur li jressaq dawk il-provi li jidhirlu necessarji purche' li kienu dikjarati, dwar ir-responsabilita' o meno tal-konvenut Peter Grech quddiem il-Periti Addizzjonali…."* (fol. 198).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-10 ta' Ottubru 2007, il-konvenuti ddikjaraw li *"il-perit addizzjonali,…… wara li ccita gurisprudenza in vacuo ghadda biex sab lill-esponent missier responsabbli wkoll. Ovvjament dan hu inaccettabbli ghax l-affarijiet ma jsirux hekk"*.

Hemm gurisprudenza li tghid li l-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili jistabilixxi prezunzjoni ta' htija, salv lil min hu milqut

minnha li jipprova li huwa ma setax jimpedixxi l-fatt dannuz tal-minuri. F'dan is-sens tista' per ezempju ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Salvatore Debono vs Antonio Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 1953 (Vol. XXXVII.ii.730); *"Illi l-konvenut, bhala missier tal-minuri li kkommettew il-pretiz serq, bis-sahha tad-disposizzjoni fuq citata jsir responsabbli personalment. Difatti, kif jinnota Giorgi "la responsabilita' del fatto altrui non e' che una responsabilita' del fatto proprio fondato sulla colpa presunta".. Veru li, skond il-principji ordinarji, il-htija ghandha tigi pruvata u ma ghandhiex tigi prezunta, izda f'dina l-materja l-legislatur idderoga ghal dawk il-principji, u stabbilixxa prezunzjoni ta' htija f'min ikollu jiehu hsieb l-inkapaci, sakemm ma jippruvax li hu adopera l-vigilanza ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt dannuz ma jigrix. Id-dottrina u l-gurisprudenza taljana u franciza, li jikkomentaw disposizzjonijiet analogi ghall-art. 1077 fuq citat, huma unanimi f'din l-interpretazzjoni (Ricci, Diritto Civilie, VI, 91 u Laurent, Diritto Civile, XX 564). Konferma hija wkoll il-gurisprudenza taghna (Kollez. XXVI.ii.92)"*. Fl-istess sens huma l-kawzi decizi mill-istess Qorti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Cutajar** deciza fid-19 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.ii.695), **Paolo Abela vs Antonio Bonnici et nomine** deciza fit-23 ta' Jannar 1958 (Vol. XLII.ii.868), u **Nicola Magro vs Geraldo Zammit pr. et nomine** deciza fid-29 ta' April 1960 (Vol. LX.ii.604). F'dan is-sens ukoll kienet id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Carmelo Calleja vs John Gauci** deciza fil-21 ta' Jannar 1948 (vol. XXXIII.iii.183) in kwantu gie dikjarat li *"fl-assenza ta' provi mill-parti tal-konvenut li huwa adopera ruhu li jinvigila t-tfal tieghu, li kienu taht idejh, bhala bonus pater familias sabiex jipprevjeni u jilqa' l-fatt in kwistjoni, l-istess ghandu jkun, skond il-prezunzjoni legali, ritenut responsabbli"*.

Pero' hi rilevanti li skond il-Kodici Civili Taljan tal-1865 (artikolu 1153), il-prezunzjoni kienet tirrizulta esspressament in kwantu l-provvediment kien ighid li: *"La detta responsabilita' non ha luogo, allorche' I genitori, I tutori, I precettori e gli artigiani provano di* ***non avere***

***potuto impedire il fatto di cui dovrebbero essere risponsabili***”.

Il-ligi Taljana prezenti hi regolata mill-Artikolu 2048 li jipprovdi:

*“Il padre e la madre, o il tutore, sono responsabili del danno cagionato dal fatto illecito dei figli minori non emancipate o delle persone soggette alla tutela, che abitano con essi. La stess disposizione si applica all’affiliante.*

*………..*

***Le persone indicate dai commi precedenti sono liberate dalla responsabilita’ solanto se provano di non aver potuto impedire il fatto***” (sottolinejar tal-Qorti).

Kliem li certament hu iktar car mill-Artikolu 1034 lokali; *“**La responsab. dei genitori si fonda su di una presunzione di colpa in vigilando o in educando**, e, pertanto, quando venga meno la prima per l’affidamento del minore a person idonea a provvedere alla sua direzione e controllo, rimane a loro carico l’onere di dimostrare l’insussistenza della colpa in educando ben potendo farsi risalire ad essa il comportamento dannoso del minore (nella specie, e’ stata affermata la responsab. del genitore per colpa in educando del genitore di un alunno di prima media, il quale, in presenza dell’insegnante aveva ferito ad un occhio un compagno con la steca di una carta geografica) (80/2119)”* (*Commentario Breve al Codice Civile*, G. Cian u A. Trabucchi, Cedam, 1996 pagna 2313). Hekk ukoll Giovanni Visintini[1] kkummenta li *“…. Il regime probatorio pone a carico dei genitori la dimostrazione di non aver potuto impedire il fatto, tramite una inversione, rispetto ai principi generali, dell’onere della prova. Al danneggiato compete di dimostrare il fatto illecito commesso dal minore e il danno conseguente, non gia’ di dimostrare anche la colpa dei suo genitori”*.

[1] *Trattato Breve della Responsabilita’ Civile*, Cedam, 1996 pagna 597.

Jidher ghalhekk li anke taht il-Kodici Civili Taljan tal-1865, il-presunzjoni kienet tipprovdi ghalija l-ligi espressament. Mhux l-istess jista’ jinghad fil-kaz tal-ligi Maltija, in kwantu fl-ebda parti tal-provvediment ma jinghad li r-responsabbilta’ hi tal-genitur jekk ma jatix prova li bhala missier tajjeb tal-familja, hu ha hsieb ibnu sabiex il-fatt dannuz ma jitwettaqx. Ghalhekk jidher li m’huwiex floku li jinghad li fil-kaz taghna tezisti presunzjoni *juris tantum* ta’ htija u pjuttost jidher li jrid ikun hemm prova li l-genitur kien ittraskura d-dover tieghu li jiehu hsieb lill-ibnu. F’dan ir-rigward issir riferenza ghall-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et** deciza fil-15 ta’ Jannar 2002: *“Pero' din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi kien bizzejjed biex jezimi ruhhu mir-responsabbilita' li biha tghabbih il-ligi illi b'mod generiku jissodisfa lill-Qorti illi huwa kien, bhala regola, jagixxi b'mod responsabbli fil-konfront tieghu fis-sens illi kien jipprovdi adegwatament ghalih, jikkurah u jiehu hsiebu. Waqt li dawn kienu kjarament cirkostanzi li setghu jillostraw x'kienet jew ma kienitx ir-responsabbilita' tal-missier fil-kaz partikolari, illi kien fuq kollox jinteressa lill-Qorti kien jekk il-missier kienx jew messux kien konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel jew ma jaghmilx ibnu minuri u li ma kienx bil-ligi permess u jekk ir-risposta ghal dan il-kwezit hi fl affermattiv, x'passi kien ha jew messu ha biex jikkontrolla, fil-limiti tar-raguni l-komportament, ta' ibnu minuri”*.

Hi x’inhi s-sitwazzjoni taht il-ligi Maltija, il-Qorti ma temminx lill-konvenut Anthony Grech li qabel dakinhar li sehh l-incident qatt ma kien saq vettura. M’huwiex verosimili li persuna li qatt ma saqet vettura kienet ser tidhol fil-karrozza, tistartjaha, timmanuvra barra mill-parking u titlaq fi triqtha qiesu xejn mhu xejn minghajr l-icken problema. Dan ma kienx xi kaz fejn kif il-minuri pprova jsuq il-vettura sehh l-incident. Sahansitra, mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija rrizulta li fil-hin ta’ l-incident il-konvenut Anthony Grech kien qieghed jaghmel manuvra ta’ sorpass u li *“car N-0163 left a brake mark of 27 metres”*. Altru milli sewqan ta’ persuna li qeghda ssuq

vettura ghall-ewwel darba. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li mitlub jaghti spjegazzjoni kif jekk qatt ma kien saq qabel, kif kien irnexxielu jsuq dik id-distanza kollha u jaghmel dawk il-manuvri, il-konvenut ta spjegazzjoni li tista' biss tigi deskritta bhala wahda banali u xejn kredibbli. Hemm ukoll ix-xhieda ta' Louie Borg (fol. 255)[2] li kkonferma li fiz-zmien tas-sekondarja kien imur il-Muzew flimkien mal-konvenut Anthony Grech; *"Jiena niftakar li Antoine Grech kien jigi l-MUSEUM isuq motorcycle. Naf li kellu mutur Suzuki blu u ahna konna nistghagbu mhux ftit kif dan kien isuq il-mutur minkejja li kien ghadu zghir hafna. Fil-fatt nahseb li kellna madwar erbaghatax-il sena. Sakemm sehh l-incident ma missieri qatt ma rajtu isuq karrozza. Meta habat ghaddieli minn mohhi li kien ilu hafna isuq abuzivament. Minkejja l-incident, wara beda jsuq il-vetturi ta' missieru kien isuq il-van tax-xoghol qabel ma kellu tmintax-il sena. Jiena rajtu kemm il-darba jsuq il-vettura fl-inhawi tal-forn ta' missieru"*. Xhud li kien dikjarat fil-lista tax-xhieda u li f'dak l-istadju seta' jitressaq bhala xhud in vista in vista tad-digriet moghti fl-20 ta' Gunju 1996 (fol. 198) li bih rega' nfetah l-istadju tal-provi ghal finijiet ta' responsabbilta' o meno tal-konvenut Peter Paul Grech. Dan apparti l-fatt li b'nota prezentata fit-12 ta' Ottubru 1999 (fol. 259), il-konvenut Peter Paul Grech irrizerva l-kontroezami ta' Louie Borg. Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li min-naha tal-missier konvenut ma ghamel xejn sabiex it-tifel tieghu ma jaqax ghat-tentazzjoni li jaghmel dak li fir-realta' ghamel. Ghalkemm il-konvenut Peter Paul Grech ighid li kien rieqed u li ibnu ha c-cwievet minn wara daharu, m'hemmx dubju li l-konvenut halla c-cwievet f'post facilment accessibbli ghall-konvenut Anthony sive Antoine Grech. Il-konvenut Anthony Grech xehed li ***"… missieri kien <u>dejjem jghajjat</u> mieghi sabiex ma insuqx, u ma immissx ingenji. Kien jghajjat mieghi ghaliex kien jarani ndur ma huti bil-karrozza taghhom u kien jarani interessat. Kien iwissini ghaliex ta' tifel li tkun, iblah"***. Il-Qorti tifhem u hi moralment konvinta li Peter Paul Grech kien ***"dejjem jghajjat sabiex ma insuqx"*** ma' ibnu (li dak iz-zmien kien ghadu minuri) biex jikkoreggih u dan in kwantu kien jaf li ibnu qieghed

[2] Iben l-attur.

jesperimenta u jaghmel affarijiet li mhux suppost (cjoe' li jsuq). Bl-istess mod din il-Qorti hi moralment konvinta li l-konvenut Peter Paul Grech kien iwissi lill-ibnu sabiex ma jsuqx (ara wkoll xhieda moghtija minn Peter Paul Grech), ghall-istess raguni u mhux sempliciment ghaliex ma kellux licenzja. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss Peter Paul Grech ma kienx jaf li ibnu qieghed isuq, Anthony Grech ikkonferma li missieru kien *"…jarani ndur ma huti bil-karrozza taghhom* ***u kien jarani nteressat****"* (sottolinejar tal-Qorti). Mela f'dawn ic-cirkostanzi Peter Paul Grech qatt ma messu halla c-cavetta tal-vettura facilment accessibbli in kwantu hu evidenti li kien jaf x'tentazzjoni kellu ibnu. F'dawn ic-cirkostanzi kien id-dmir tal-missier li jaghmel dak kollu possibbli sabiex ibnu ma jkollux access ghall-vettura, haga li zgur li m'ghamilx meta dendel ic-cwievet tal-vettura wara l-bieb. Kienet prekawzjoni elementari li Peter Paul Grech ma jhallix cwievet ta' vetturi jigru fl-idejn, u f'dan ir-rigward falla u b'applikazzjoni ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili jrid jirrispondi. Ghaldaqstant il-Qorti tirriskontra htija wkoll da parti ta' missier il-minuri in kwantu kien traskurat u ma uzax id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja sabiex ibnu ma jaghmilx hsara meta kien ghad m'ghandux licenzja tas-sewqan.

3. Fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' danni, jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(a) **Damnum Emergens** – Fin-nota prezentata fl-10 ta' Ottubru 2007, il-konvenuti ddikjaraw li *"il-perit addizzjonali qabel mal-ewwel perit dwar il-valur tal-karrozza tal-attur, telf ta' xoghol u spejjez medici – kollox Lm2,081. L-esponenti sa mill-bidunett akkwjexxew ghal dak li rrelata l-ewwel perit u allura m'ghandhom xejn in kuntrarju x'josservaw"*.

Min-naha tieghu l-attur jilmenta fir-rigward:

- Tal-valur likwidat mill-periti gudizzjarji tal-vettura tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur fid-9 ta' Gunju 2004, jinghad: *"Fir-rigward tal-*

*hsara li sehhew lill-vettura ta' l-attur, qieghda tigi annessa bhala A kopja ta' certifikat mahrug mis-surveyor Charles P. Attard dwar din il-vettura. Kif johrog mill-istess dikjarazzjoni il-valur tal-vettura qabel l-incident kienet bejn Lm600 u Lm700"* (fol. 345). Ma' din in-nota m'hemmx dokument anness u f'kull kaz dan m'huwiex il-mod kif jitressqu l-provi, li f'dak l-istadju kienu maghluqa. Charles P. Attard qatt ma xehed u lanqas biss ma jirrizulta li gie ndikat fil-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni (fol. 6). Il-Qorti hi tal-fehma li mill-istima ta' disgha mija u wiehed u tletin euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75) ekwivalenti ghall-erbgha mitt lira Maltija (Lm400) li l-ewwel perit legali kien ghamel *'arbitrio boni viri'* (ara fol. 90 u 91), m'hemmx xi tvarja. Ghalkemm l-atturipprezenta kopja ta' ittra legali datata 15 ta' Jannar 1990 (fol. 193) bi proposta ghal transazzjoni li saret mill-konvenut Peter Paul Grech fejn iddikjara li kien dispost jikkumpensa lill-attur ghall-valur ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600), wiehed irid jiftakar li dik il-proposta saret biss f'tentattiv sabiex jintlahaq ftehim. Ghalhekk ma torbotx u ma tistax titqies bhala xi ammissjoni. Wiehed jista' jasal biex jargumenta li anke fuq bazi ta' *public policy* provi simili m'ghandhomx jitressqu in kwantu wiehed ghandu jinkoragixxi li jsiru trattattivi bejn il-partijiet bl-iskop li jintlahaq ftehim bonarju u b'hekk jevita li l-partijiet ikomplu jillitigaw sa l-ahhar. Jekk dak li jinghad fi trattattivi jkun jista' jitressaq kontra parti jew ohra, nigu f'sitwazzjoni fejn ikun difficli li wiehed johloq ambjent li fih il-partijiet jidhlu f'negozjati sabiex jiftehemu barra mill-Qorti. Bla dubju hemm certu eccezzjonijiet ghal dan, ezempju meta l-vertenza tkun giet tranzatta u l-ftehim jigi mpunjat fuq bazi ta' frodi jew sabiex Qorti tistabilixxi xi jkun gie pattwit bhala transazzjoni.

- Dwar is-somma ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ekwivalenti ghall-ghaxar liri Maltin (Lm10) li l-attur ighid li hallas biex iddispona mill-vettura tieghu, u li l-periti gudizzjarji skartaw minhabba nuqqas ta' prova sodisfacenti li saret din l-ispiza. Madankollu l-Qorti ser tinkludi dan l-ammont bhala danni in kwantu l-attur ikkonferma dan il-fatt meta xehed fis-seduta tat-22 ta' Awwissu 1991 (fol. 152) u pprezenta wkoll ricevuta (fol. 125). Fatti li ma gewx ribatuti mill-konvenuti b'xi prova kuntrarja.

- Tal-*"megger"* u *"tong meter"*, mid-data ta' l-incident ghaddew kwazi ghoxrin (20) sena. Fin-nota prezentata fid-19 ta' Novembru 2007 l-attur isostni li l-oggetti ghadhom ghandu u *"…. ghalkemm ghadu ma rceviex xi kont minghand il-Gvern dwar dawn il-hsarat, hemm probabilita' li l-attur jigi mitlub li jhallas ghalihom"*. Fil-fehma tal-Qorti dan m'huwiex minnu meta wiehed iqies in-numru kbir ta' snin li ghaddew u f'kull kaz jekk dan l-apparat sofra xi hsara zgur li ma kienitx ir-responsabbilta' ta' l-attur. Dan apparti l-fatt li kuntrarjament ghal dak li nghad fin-nota ta sottomissjonijiet, l-attur kien xehed *"…. Meta kont ghadni l-Isptar kienu marru xi haddiema u gabruhom minghand il-mara fl-istat danneggjat li kienu"* (fol. 152). Ghalhekk wiehed jippretendi li jekk kien hemm xi pretensjoni fil-konfront ta' l-attur, din kienet issir fiz-zmien propizju u mhux wara dawn is-snin kollha. Dan iktar u iktar meta jqies li l-attur ilu li ttermina l-impjieg tieghu minn mal-Gvern sa mis-17 ta' Lulju 1998.
- Ta' spejjez medici in kwantu l-ewwel perit legali llikwida s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€524.10) ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225). Ammont li gie konfermat fit-tieni perizja. L-attur isostni li kien hemm spejjez ohra li ma nghatax ricevuti taghhom u talab li l-Qorti tillikwida ammont *ex aequo et bono*. L-attur xehed (seduta tat-22 ta' Awwissu 1991), *"bhala konsegwenza tal-incident, oltre il-feriti personali u l-hsara fil-karrozza, u telf ta' paga, qieghed nikkalkola illi hallast is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fi hlasijiet ghal konsulti lil tobba u specjalisti, xiri ta' medicinali, X-rays, u trasport ghal Malta"* (fol. 151). Il-Qorti m'hijiex sodisfatta tal-ispejjez ulterjuri li saru u tistqarr li l-attur kellu kull opportunita' li matul dawn is-snin kollha li damu jkaxkru dawn il-proceduri, iressaq provi sodisfacenti tal-ispejjez medici li jallega li ghamel matul is-snin. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan ir-rigward hemm il-htiega li tillikwida xi somma addizzjonali *ex aequo et bono*.

Ghal dak li hu telf ta' salarju li gie likwidat mill-ewwel perit legali fl-ammont ta' tlett elef tlett mija u tlieta u disghajn euro u tmien centezmi (€3,393.08) ekwivalenti ghall-elf erbgha mija sitta u hamsin lira Maltija u sitta u hamsin

centezmu (Lm1,456.65) hemm qbil min-naha tal-attur (ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-19 ta' Novembru 2007) u wkoll da parti tal-konvenuti.

Ghalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ammont ta' **damnum emergens** hu ta' erbat elef tmien mija u tnejn u sebghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€4,872.22) ekwivalenti ghal elfejn u wiehed u disghajn lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm2,091.64).

(b) **Lucrum Cessans** – F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- ***Salarju*** – Kif rajna l-incident sehh f'Ottubru 1988. Mill-provi jirrizulta li d-dhul tal-attur kien is-segwenti: 1986 – Lm124; 1987 – Lm1,727; 1988 – Lm1593; 1989 – Lm705.68. Fis-17 ta' Lulju 1998 l-attur irrizenja mill-impjieg tieghu meta kellu salarju ta' tlett elef mitejn u erbgha u sebghin lira Maltija (Lm3,274) [fol. 302]. Mill-provi jirrizulta wkoll li b'sehh mis-6 ta' Mejju 1991 l-attur beda fl-impjieg bhala *drainage worker* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'salarju ta' hamsa u disghajn lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm95.18) kull gimghatejn (fol. 131), izda ma jirrizultax x'kien id-dhul tal-attur matul il-perjodu 1992-1997. Skond l-*employment history* prezentat mill-ufficjal tal-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig, dan kien l-ahhar impjieg ta' l-attur (fol. 408)[3]. Ghalkemm meta dan l-ufficjal xehed l-istadju tal-provi kien maghluq, jidher li kien hemm qbil bejn il-partijiet li tinghata din ix-xhieda (seduta tat-30 ta' Mejju 2006 – fol. 410) tant li ma saret l-ebda oggezzjona u wara d-difensuri tal-partijiet regghu ddikjaraw li *"m'ghandhomx izjed provi"*. Irrizulta wkoll li fis-sena 2000 l-attur kien qieghed jircievi pensjoni ta' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm122.24) kull erbgha (4) gimghat (fol 466). L-attur isostni li l-hsieb tieghu kien li jmur jahdem il-Kanada fejn il-paga kienet ser tkun hafna iktar. Martu wkoll ikkonfermat li dan kien il-pjan (fol. 162). Mill-provi jirrizulta

[3] Ara xhieda ta' Marcel bonnici ufficjal tal-Korporazzjoni, moghtija fit-30 ta' Mejju 2006 (fol. 406).

li l-attur ghamel zmien ighix fil-Kanada, pero' ighid li fl-1985 gie ighix b'mod permanenti ghalkemm ighid li *"….kont fi hsiebni illi meta jikbru it-tfal nerga' nilta' lura il-Canada"* (fol. 146). Mart l-attur xehedet, *"konna bil-hsieb illi nibaghatuhom l-skola hawn Malta, u imbaghad meta jikbru nitilghu lura lejn il-Kanada"* (fol. 162). Pero' minn dak li xehed l-attur stess, kien ilu li rritorna ighix Malta mill-1979; *"wara l-1979 kont ergajt tlajt il Canada wahdi ghall-habta tal-1985 sabiex nirranga il visa ghal ibni iz-zghir. Kont bil-hsieb illi noqghod hemm, naghmel sitt xhur kull darba u nzur Malta kull sitt xhur. Izda peress illi l-mara kienet toqghod iccempilli l-Canada ghal hinijiet twal ta' sikwit, kont ghamilt behn hames u sitt gimgha, u irritornajt lura"* (fol. 145). L-attur qieghed jippretendi li l-Qorti tillikwida d-danni fuq salarju ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) fis-sena[4] peress li minhabba l-griehi li sofra tilef l-opportunita' li jerga' jmur jahdem barra minn Malta ghal salarju ahjar. Fir-rapport addizjonali l-kalkoli saru fuq salarju ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) fis-sena. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li mill-provi rrizulta li minhabba l-griehi li sofra f'saqajh il-leminija, l-attur ma setax jerga' jmur jahdem barra minn Malta jew li jsib impjieg f'Malta li jrendilu iktar flus. Fid-data ta' l-incident l-attur kien diga' ilu s-snin ighix b'mod permanenti f'Malta (bl-eccezzjoni ghall-perjodu qasir fl-1985). Meta fis-6 ta' Mejju 1991 (igifieri kwazi tlett (3) snin wara l-incident) gie mpjegat bhala *drainage worker*, id-dmirijiet tieghu gew deskritti bhala *"opens drainage manholes, checks and ensures that sewage is flowing freely. Goes down sewers, sumps, interceptors and tunnels to check and clear stoppages, etc to remove silt and other obstructing material which, after proper cleaning,….."* (fol. 131). Xoghol li hu ta' strapazz u li l-Qorti tifhem li l-attur kien kapaci jaghmel gialadarba kien hu stess li snin wara l-incident applika ghal din il-kariga u fil-fatt inghata l-impjieg. Ghalkemm fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1992, Joseph Azzopardi (fol. 160) in rapprezentanza tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet spjega li *"….. strettament id-dmirijiet tal-attur huma fuq barra; izda b'arrangament hu jahdem fuq gewwa l-ufficcju. Jekk ikun hemm min irid jimxi bir-regoli,*

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-19 ta' Novembru 2007.

***hu jista' jigi mgieghel jahdem fuq barra***" (fol. 161) m'hemmx provi li l-attur ma kienx kapaci li jaghmel xoghol ta' strapazz jew li ghal ragunijiet medici ma setax jaghmel xoghol fuq barra. F'dan ir-rigward id-dikjarazzjoni tal-attur li *"mindu grali l-incident jiena ma hiniex nohrog fuq il-lant tax-xoghol, peress illi riglejja ma jippermettulix hekk……"* (fol. 150) m'hijiex prova in kwantu hu stess applika (wara l-incident) ghall-impjieg li kien jitlob xoghol fuq barra u sahansitra nghata l-impjieg. Jekk kif ighid l-attur ma kienx kapaci jaghmel xoghol fuq barra, il-Qorti tifhem li ma kienx jinghata l-impjieg. Inoltre, ghalkemm l-attur u martu qalu xi pjanijiet kellhom ghall-futur, ma jfissirx li dawk il-pjanijiet kienu ser iwettquhom kieku ma garax l-incident. Meta l-attur irrizenja mill-impjieg (17 ta' Lulju 1998) ir-raguni li kienet inghatat hi *"medical grounds"* (xhieda ta' Saviour Tabone moghtija fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2002 – fol. 303), ghalkemm mill-atti l-Qorti hi tal-fehma li ma tressqux provi sodisfacenti li r-rizenja mix-xoghol saret jew kellha bzonn li ssir minhabba d-debilita' li sofra fl-incident in kwistjoni. Ghalkemm l-attur xehed (seduta tas-6 ta' Lulju 2000) li kien gie mgharraf *"…li ma stajtx nibqa' nahdem mad-dipartiment minhabba l-kundizzjoni fizika tieghi"*, din ix-xhieda ma gietx korraborata u l-Qorti hi tal-fehma li m'hijiex l-ahjar prova. L-attur messu ssostanzja dak li ddikjara bi provi cari u konkreti u mhux jistrieh fuq semplici dikjarazzjoni tieghu. Lanqas ma tressqet xi prova medika li d-debilita' ma kienitx tippermetti li l-attur ikompli jahdem jew ghallinqas li jsib xoghol alternattiv. Il-periti medici addizzjonali rrelataw li hu minnu li l-attur sofra konsegwenzi severi fl-ghaksa tal-lemin u li ghandu l-mixja tieghu mfixkla, pero' din id-dikjarazzjoni wahedha ma tistax isservi biex il-Qorti tikkonkludi li l-attur tilef kull kapacita' ghax-xoghol. Lanqas ma tressqet xi prova medika li l-kundizzjoni tal-attur marret ghall-aghar minn meta fl-1991 impjiega ruhu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li tressqu provi li jaghtu l-Qorti x'tifhem li fizikament l-attur kien baqa' kapaci jaghmel xoghol fiziku ghalkemm irrizenja mill-impjieg. F'dan is-sens huma per ezempju r-ritratti Dok. PGM1 – PGM6 (ezebiti fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2002) li juru lill-attur qieghed jaghmel xoghol fuq irkubtejh. Ghalkemm wiehed japprezza li l-attur sab ruhu f'dawn il-

problemi intortament minhabba n-negligenza u mprudenza ta' haddiehor, min-naha l-ohra dan ma jfissirx li ma jridx jinzamm bilanc bejn id-dritt li hu jigi kumpensat ghad-danni li sofra u d-dritt ta' min hu responsabbli li jara li l-kumpens ma jkunx eccessiv. Wara li l-Qorti qieset is-salarju li kellu l-attur fiz-zmien li sehh l-incident, id-dhul dikjarat li kellu matul dawn id-19 sena (ghalkemm hemm numru ta' snin li ma jirrizultax xi qliegh kellu), il-fatt li l-attur kien jaghmel xoghol fuq bazi part-time, is-salarju li kien ikun intitolat ghalih kieku baqa' fl-impjieg, u l-fatt li l-konvenuti ddikjaraw li l-kalkoli kellhom isiru fuq qliegh ta' elfejn tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm2,326), hi tal-fehma li l-kalkoli ghandhom isiru fuq qliegh annwali ta' tmint elef mija u tnejn u hamsin Euro u tmenin centezmu (€8,152.80) ekwivalenti ghal tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500).

- ***<u>Rata ta' debilita' permanenti</u>*** – L-attur qieghed jilmenta mir-rata ta' debilita' li giet certifikata mill-periti medici addizzjonali. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel perit mediku ffissa rata ta' 20% (rapport datat 2 ta' Marzu 1993 u ezami kliniku sar fid-19 ta' Frar 1993, fol. 104-105), filwaqt li l-periti medici addizzjonali rrelataw li *"fil-fehma taghna b'rizultat ta' dak li ezaminajna w l-informazzjoni li giet moghtija lilna, ahna nikkonkludu li ghandu dizabilita permanenti ta' hmistax fil-mija"* (fol. 394). Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-ezami kliniku fuq l-attur sar fis-26 ta' Awwissu 1995. Fir-rapport addizzjonali l-kalkoli saru fuq rata ta' debilita' permanenti ta' 15%. Min-naha l-ohra l-attur qieghed jikkontesta din ir-rata ta' debilita' u jsostni li *"il-konsegwenzi li dan l-incident kellu fuq l-attur kienu ferm iktar gravi minn semplici telf ta' 15%-20% mill-fakoltajiet lavorattivi tieghu….. Mill-istess xhieda jirrizulta li Dr. Labas ccertifika l-grad ta' dizabilita' tal-attur konsegwenti ghall-incident fil-grad ta' 35%. Fil-fehma umli ta' l-esponenti, almenu din il-Qorti ghandha tapplika dan il-grad ta' 35% peress li hu iktar qrib minn dak li ccertifikaw il-periti l-ohra ghad-dannu li sofra l-attur"*[5]. It-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri saret mill-attur (fol. 53). M'hemmx dubju li hawnhekk qeghdin f'kamp fejn l-element soggettiv ghandu

[5] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-7 ta' Novembru 2007.

piz qawwi. Ic-certifikat mediku tat-tabib Dr. Labas igib id-data tad-19 ta’ Ottubru 1989. Dan ic-certifikat gie ezebit fis-seduta tat-2 ta’ April 1992 mid-difensur ta’ l-attur (fol. 158) u Dr. Labas ma tressaqx bhala xhud. Inoltre, minn dan id-dokument jidher bic-car li t-tabib li rrilaxxa dan ic-certifikat qies ukoll il-griehi li sofra l-attur fl-irkoppa x-xellugija. Madankollu l-ewwel perit mediku[6] mahtur mill-Qorti rrelata hekk dwar l-irkoppa: *“The left knee was not swollen. Flexion was full and there was no block to extension. There was no tenderness along the joint line. McMurray’s manoeuvre did not cause any pain. There was full ligamentous stability”* (fol. 104). Jidher ghalhekk li bit-trapass taz-zmien l-irkoppa fieqet. Il-Qorti hi tal-fehma li mehud in konsiderazzjoni li:-

1. It-talba ghall-hatra ta’ periti addizzjonali saret biss mill-attur in kwantu ma kienx sodisfatt bir-rata ta’ debilita’ stabbilita fl-ewwel rapport;
2. Bejn ir-rata stabbilita mill-ewwel perit mediku (20%) u l-periti addizzjonali (15) m’hemmx xi diskrepanza kbira;
3. Bejn l-ewwel u t-tieni ezami kliniku m’ghaddiex xi zmien konsiderevoli li wiehed jista’ jargumenta li kien hemm titjib fil-kondizzjoni ta’ l-attur. Dan meqjus ukoll ix-xhieda moghtija mit-tabib Dr. Mario Victor Masini (fol. 164) li xehed li *“il-posizzjoni tieghu hija illum stabilizzata u ma hemmx x’isir aktar fuqu…..”* (seduta tal-14 ta’ Mejju 1992);

il-kalkoli ghandhom isiru fuq rata ta’ debilita’ ta’ ghoxrin fil-mija (20%).

- ***<u>Multiplier</u>*** - Fiz-zmien li sehh l-incident l-attur kellu tnejn u erbghin (42) sena. Il-Qorti hi tal-fehma li l-multiplier ta’ dsatax-il sena (19) ghall-persuna ta’ dik l-eta’ fiz-zmien ta’ l-incident hi altru milli gusta mehud in konsiderazzjoni li l-attur issa lehaq l-eta’ pensjonabbli u ghalhekk m’hemmx lok li l-Qorti tikkunsidra l-fattur ta’ *chances and changes* tal-hajja. Rilevanti li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Edwin Zammit vs Joseph**

[6] Mr. Charles Grixti.

**Coppola** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1994, fejn sakemm inghatat is-sentenza l-attur kien temm l-impjieg ghaliex lehaq l-eta' pensjonabbli. Il-Qorti osservat: *"Kif inghad, meta gara l-incident l-attur kellu 51 sena. Illum 16-il sena wara, ghandu 67 sena. Hu temm l-impjieg li kellu w irtira bil-pensjoni bl-eta' ta' 61, kif jirrizulta mill-verbal tat-30 ta' Gunju, 1994. Hu qed jissottometti illi l-lucrum cessans ghandu jigi kkalkolat fuq 15 il-sena, purchase. Dan hu gust u qed jigi accettat ghax iz-zmien li ghadda nfatti jeskludi l-fattur tac-chances and changes tal-hajja, billi hu provat illi l-attur temm l-ark kollu taz-zmien lavorattiv sal-eta' tal-pensjoni"*. Hu minnu li llum il-gurnata huma hafna dawk il-persuni li jkomplu jahdmu wara li jaqghlqu l-eta' pensjonabbli, pero' fil-kaz taghna ma tressqux provi li l-attur hu *gainfully occupied* u mill-atti jirrizulta li jircievi pensjoni minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (ara dokument ezebit fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2000). Fin-nota prezentata fid-19 ta' Novembru 2007, l-attur isostni li l-multiplier li kellu jigi adottat kien ta' 23 sena peress li jqies li l-eta tal-pensjoni hi ta' 65 sena. Pero' li qieghed jinsa l-attur hu li fil-kaz tieghu l-eta' pensjonabbli hi ta' 61 sena in kwantu twieled qabel l-1951, u fil-fatt lehaq din l-eta'.

- ***<u>Tnaqqis ta' 20% ghal lump sum payment</u>*** – M'hemmx lok ghal dan it-tnaqqis meta wiehed iqies li ftit xhur ohra l-incident ikun ilu ghoxrin (20) sena li sehh. Dan b'applikazzjoni tal-gurisprudenza li tittratta dan il-punt (ara sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Michael Camilleri vs Anthony Portelli et** deciza fis-26 ta' Lulju 2007.

Applikati dawn il-principji l-ammont dovut bhala **lucrum cessans** hu ta' tletin elf disgha mija u tmenin euro (€30,980) ekwivalenti ghal tlettax-il elf mitejn u disgha u disghajn lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm13,299.71).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti u:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli flimkien ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Ottubru 1988 li sehh fi Triq Xhajma, Nadur, Ghawdex.

2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur fl-ammont ta' hamsa u tletin elf tmien mija u tnejn u hamsin Euro (€35,852) ekwivalenti ghal hmistax-il elf tlett mija u wiehed u disghajn lira Maltija (Lm15,391).

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien ihallsu lill-attur is-somma ta' hamsa u tletin elf tmien mija u tnejn u hamsin Euro (€35,852) ekwivalenti ghal hmistax-il elf tlett mija u wiehed u disghajn lira Maltija (Lm15,391).

Spejjez a karigu tal-konvenuti, b'dan li l-ispejjez tar-rapport addizzjonali ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------